**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 68/07**

L-ERBGĦA 31 ta' Mejju 2017 fil-5.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *Wasal fil-17:15 u rtira fis-17:45* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal fil-17:30* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *Skużat* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

**Attendew ukoll tlett membri tal-pubbliku.**

---

**AĠENDA**

68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
68.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
68.5 Rapporti;
68.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti 54/07;
68.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
68.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
68.9 Mozzjonijiet
68.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.
.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**68.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia**

i. Ma kienx hemm ittri ta' Apoloġija. — Ittri ta' Apoloġija

**68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** — Iffrmar tal-Minuti

i. Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 67/2017 tas-26 ta' April 2017 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

**68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

i Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, fuq parir tal-avukat tagħna ssuġġerilna li alissa ma nħallsux sakemm jerġa jitkellem hu mal-avukat tal-Kuntrattur. — Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

i.i Il-Kunsill qabel unanimament li alissa ma jħallasx u nimxu mal-parir tal-avukat.

ii. Rigward il-każ ta' vandaliżmu li kien sar fuq il-gazebo fi Ġnien Veliko Turnovo, is-Sindku ssuġġerixxa li ladarba l-persuni kollha nvoluti ġew mressqa l-Qorti, għandna nibgħatu lill-iSpettur biex naraw in vista tal-fatt li issa l-kawża nqatgħet kif ser nagħmlu biex nirkupraw il-flus. — Vandaliżmu – Ġnien Veliko Turnovo

ii.i Il-Kunsill qabel unanimament.

iii. Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa ma' Cassar Shiprepair fejn preżenti kien hemm is-Sur Ismael Dalli fil-vesti tiegħu kemm bħala Kunsillier kif ukoll bħala Segretarju ta' Tarxien Rainbows FC. — Turf tal-ground 5 aside

iii.i Żied jispjega s-Sindku li waqt din il-laqgħa ġew iċċarati xi punti dwar l-użu tal-5 aside u sabiex jiġu ssetiljati nofs l-ammont tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Is-Sur Cassar baqa' magħna li kellu jkellem lill-kumitat biex jara naqra minn kien qed jagħmel użu mill-ground bħala Tarxien Rainbows.

iii.ii Sadanittant is-Sindku qal ukoll li aħna tkellimna mal-avukat tagħna biex naraw x'sar mis-seduta tal-31 ta' Jannar 2017. Fejn dan min-naħa tiegħu spjegalna li kellha ssir data oħra f'Ġunju biex ikompli jinstema l-Appell.

*Il-Kunsillier Lawrence Bonavia wasal fil-5.15PM*

iv. Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-tender għat-toroq kienet ħarġet u għalqet u kienet ser tiġi aġġudikata nhar l-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017. Il-Bord ser ikun kompost mis-Sindku Paul Farrugia u mill-Kunsillieri Frans Agius u Ishmael Dalli, flimkien mas-Seg. Eżek. — Tender toroq

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar li l-inċident fuq il-monument tal-vittmi tal-gwerra erġajna tkellimna mal-avukat u ser jara x'jista jsir. Il-Kunsillier Frans Agius qal li proprju dak kien l-argument biex f'każ ta' mistoqsija aħna nkunu koperti bil-parir tal-avukat. — Inċident monument – Avukat UNTOURS

vi. Rigward il-*bins* mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll *bins* tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola li kienu ġew approvati u li kienu ser ikunu sponsorjati mill-istess Green MT, is-Sindku kkonferma li kienu għadhom ma sarux. — Laqgħa GREEN MT – Bins

vi.i Sadanittant is-Sindku żied jgħid li l-Green MT ma kienux qed jissodisfawna xejn. Kompla jispjega li kien għalhekk li kienu ntgħażlu għaliex huma kellhom ċerta klawżoli fuq il-proposta tagħhom pero kien jidher li ma kienux ser jimxu mal-kuntratt u għaldaqstant ġie ssuġġerit li l-Kunsill jkellem lill-kuntrattur Green MT u jispjegalu li jekk l-affarijiet ma jittranġawx il-Kunsill kien ser jwaqqaf il-kuntratt .

vi.ii Żied jispjega li ladarba dan il-Kuntrattur ma kien onora xejn kellna niktbulu uffiċċjali u ngħidulu li jekk ma kienx ser jonora l-obbligi tiegħu l-Kunsill kien ser jitterminalu l-Kuntratt.

vi.iii Il-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li sadanittant niktbu lill-Kuntrattur l-ieħor u naraw x'servizz kien lest joffrilna.

vi.iv Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposti tas-Sindku Paul Farrugia u tal-Kunsillier Lawrence Bonavia.

*Triq B'Bugia*

vii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għalkemm għal darb'oħra konna ktibna lit-TM sabiex ninfurmawhom li kien ġie nnotat li parti mill-konkos li sar ġdid fi Triq B'Bugia diġa kien qed jisfronda, s'issa t-TM ma kenux ħadu l-passi li jidhirilhom xierqa, it-TM kienu għadhom ma weġbuniex.

vii.i Saret diskussjoni u ġie deċiż li tibqa tintbgħat reminder lit-TM u nibqgħu ninsistu magħhom li tittieħed azzjoni.

*ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.*

viii. Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan.

viii.i Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

*Kunsillier Bonavia – suġġeriment bins għall-bozzoz*

ix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tkellem ma' tal-WEEE dwar is-suġġeriment tal-Kunsillier Lawrence Bonavia li kien għamel fl-aħħar laqgħa fejn hu kellu jitkellem mas-sidien tal-ħwienet u jistaqsihom jekk jaċċettawx li jitpoġġew bins fejn il-pubbliku jkun jista' jiddisponi minn bozzoz ħżiena. Is-Sindku qal li dawn wiegħduh li kellhom jiddiskutuwha nternament.

*Lista ta' ħwienet*

ix.i Il-Kunsillier Lawrence Bonavia qal li filwaqt li kien qed jagħmel il-*house visits* kien approfitta li jiġbor lista tal-ħwienet.

*Sinjali tal-Art*

x. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hekk kif kien diġa rraporta dwar is-sinjali tal-art fit-toroq B'bugia u Palma, it-TM kienu qalulna li huma kienu ser jagħmlu wiċċ tat-triq filwaqt li l-Kunsill jagħmel sinjali.

x.i Is-Sindku spjega li hekk kif kien deċiż fl-aħħar laqgħa, il-Kunsill kien kiteb lid-DLG sabiex ikunu nfurmati li kellna mmorru għal direct order mingħand l-KOPTASIN peress li l-Kunsill ma kienx kellu kuntrattur tiegħu.

x.ii Is-Sindku qal li d-DLG kienu weġbuna lura li l-Kunsill kellu jimxi mal-proċeduri finanzjarji. Is-Sindku żied jgħid li konna ser niktbu lura lid-DLG sabiex jerġa jikkonsidra r-risposta li kien tana u nerġaw nispjegawlu li dan kien każ straordinarju.

*Tabelli – Reġjun Xlokk*

xi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fuq il-proposta tal-Kunsillier Lawrence Bonavia li kien issuġġerixxa li fuq it-tabelli fejn hemm l-irħula membri jiktbu wkoll Reġjun Xlokk, kienet ser tiġi diskussa fl-AKL.

*Citimobilnet*

xii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Proġett Citimobilnet kien miexi u l-meeting li jmiss kien fi Braga fil-Portugall.

*Bus Shelter Triq Palma*

xiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għal darb'oħra reġa fakkar lit-TM dwar il-bus shelter ta' Triq Palma. Żied jgħid is-Sindku li kien mar ħa ritratti, ta spjega lill-Awtoritajiet ta' TM u bgħat kollox relatat.

*Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija*

xiv. Fuq is-suġġeriment li kien għamel il-Kunsillier Ishmael Dalli fil-laqgħat preċedenti sabiex terġa tintbgħat *reminder* lit-TM dwar il-garanziji tat-toroq Paola u Santa Marija, is-Sindku qal li l-*reminder* kien reġa ntbgħat u li konna ser nibqgħu nibgħatu reminder sakemm fl-aħħar ikollna xi tweġiba.

*Photocopier*

xv. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt tal-lease tal-Photocopier kien skada u għaldaqstant il-kuntrattur kien qed jirrifjuta li jsewwi. Żiedet tgħid is-Seg. Eżek. li għaldaqstant kellna nitolbu kwotazzjonijiet ġodda. Il-Kunsill qabel li jiġu mitluba kwotazzjonijiet ġodda.

*Il-Kunsillier Ismael Dalli wasal 17:30*

xvi. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li t-TM kienet approvat li : Talbiet mit-TM

- talba tar-resident stess sabiex it-TM jirrikunsidraw li double yellow lines fi Triq Pellikani Nru. 80, St Michael, jiżdiedu u minflokk metru fuq kull naħa tal-garaxx jitwalu u jiġu 2.5 u nofs fuq kull naħa, kienet intlaqgħet mit-TM. Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsill iddeċieda li b'din id-deċiżjoni kienu ser jitneħħew żewġ postijiet ta' parkeġġ. Għaldaqstant ġie deċiż li s-Sindku jiċċekkja sewwa mat-TM dwar dan il-każ.

- It-Talba għal RESERVED fi Triq Xandru Farrugia

xvi.i Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni sabiex japprova t-talba ta' Triq Xandru Farrugia filwaqt li għat-talba ta' Triq il-Pellikani kellu jiċċekja s-Sindku u jirraporta ladarba jkollu risposta mingħand it-TM.

xvii. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li l-festa ta' Marija Annunzjata kienet ser issir nhar il-Ħamis 29 ta' Ġunju 2017. Huwa żied jgħid li kien ltaqa kemm mal-Kappillan u mal-Kumitat tal-Festa kif ukoll mal-Kuntrattur tas-sit fejn kien jinħażen in-nar qabel ma jinħaraq għal-festa. Qal is-Sindku li ġie fi ftehim ma' sid l-art li peress li l-art in kwistjoni kienet tħaffret u tħammlet u għaldaqstant ma setatx tibqa tintuża għal dan il-għan, is-sid aċċetta li jnaddaf l-art proprjeta tal-Knisja sabiex il-Kumitat tal-Festa jkun jista jaħżen in-nar minn din l-għalqa tal-knisja. Dettalji Festa Marija Annunzjata

xvii.i Is-Sindku semma' wkoll id-dettalji tal-festa minn dakinhar tal-ħruġ min-niċċa sa' nhar il-Festa.

xviii Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-proposta tiegħu fil-laqgħa preċedenti li jinbena Reachout Centre mir-Reġjun Xlokk fuq art devoluta lill-Kunsill Lokali Ħal Tarxien fi Triq Marija Addolorata biswiet Triq Ħal Luqa, qal li l-Gvern Ċentrali kien diġa alloka €200,000. Sadanittant żied jispjega s-Sindku li kien għadu qed jiċċekja ħabba fondi Norveġiżi. Reachout Centre

## 68.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri

## 68.5 Rapporti

Ma kienx hemm rapporti x'jiġu mressqa.

## 68.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti 54/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

## 68.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

## 68.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

i. *Rapport mill-Kunsillier Frans Agius*
Il-Kunsillier Frans Agius informa lill-Kunsill li kien ċempillu s-Sur Ray Abela TCTC fejn dan kien kelmu dwar il-fatt li l-Kunsill ma kienx ser japplika għall-kors tar-ROBOTIKA mat-TCTC. Żied jispjega li s-Sur Abela kien qallu li jekk il-Kunsill kien tal-fehma li l-problema kien il-prezz ta' dan il-kors, dawk il-persuni li kien kellhom xi forma ta' problemi finanzjarji kienu setgħu jitolbu l-għajnuna lill-Aġenzija LEAP. TCTC

**i.i** Is-Sindku żied jispjega li wara li l-Kunsill kien kiteb lis-Sur Abela jinfurmah li l-Kunsill ma kellux l-intenzjoni li japplika, is-Sur Abela kien kiteb lura lill-Kunsill fejn fost diskors ieħor kien kiteb li allura hu kien ser iżarma t-*training centre*. Is-Sindku qal li dan it-tip ta' diskors ma kienx aċċettabli.

**i.ii** Is-Sindku qal ukoll li sadanittant il-Kunsill kienet waslet ittra mingħand residenta li kienet tixtieq li t-tifel tagħha jkollu l-istess opportunita' ta' tfal oħra fir-rħula oħra u jkun jista' japplika għal dawn il-lezzjonijiet fir-raħal tiegħu Ħal Tarxien.

**i.iii** Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan. Filwaqt li l-Kunsillier Lawrence Bonavia ssuġġerixxa li l-Kunsill kellu l-ewwel jiltaqa' mal-Aġenzija LEAP fejn naraw x'setaw joffru.

**i.iv** Il-Kunsill unanimament qabel li naħdmu fuq żewġ binarji jiġifieri li niltaqaw kemm mas-Sur Ray Abela tat-TCTC kif ukoll mal-membri tal- Aġenzija LEAP.

*Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rtira mil-laqgħa fis17.45.*

**68.9 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**68.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 17:50.

Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2017 fis.6.00pm.

(Iffirmat) (Iffirmat)

**Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ**
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**